**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 2 ta' Mejju 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 222/2020 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 1170/2002)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:[1]

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-attur huwa ta' nazzjonalita' Maltija filwaqt illi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita' Ingliza;*

2. *Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-20 ta' Lulju 2002 (Dok A) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;*

3. *Illi ftit gimghat wara li zzewgu l-kontendenti gewwa Malta kienu marru jirrisjedu l-Ingilterra. Sussegwentament fis-sena 2007 il-kontendenti rritornaw lura Malta u sentejn u nofs wara marru jghixu gewwa l-Gran Canaria;*

4. *Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment principalment minhabba inkompatibbilita' tal-karattri tal-kontendenti;*

5. *Illi l-attur telaq mid-dar matrimonjali gewwa Gran Canaria f'Ottubru 2019 minhabba l-ghagir abbuziv tal-konvenuta u l-istess dat matrimonjali ilha minn dak iz-zmien okkupata mill-konvenuta u bintha D E (u din minghajr il-kunsens tal-attur) u, fl-istess dar, l-attur halla oggetti illi huwa jikkonsidra tieghu, cioe' il-gid parafernali tieghu u l-oggetti personali tieghu bhal ma huma l-karozza, l-karti, il-kotba u hwejjeg simili;*

6. *Illi kif sejjer jigi ppruvat matul is-smigh ta' din il-kawza, dak kolu mixtri fiz-zwieg tal-kontendenti inxtara kwazi kollu minn flus parafernali tal-attur. Liema flus kienu ntuzaw sabiex inxtara il-fond gewwa l-Gran Canaria u sar l-manutenzjoni necessarju tal-istess, sabiex tara l-karozza u kif ukoll sabiex waqqaf "Self-Invested Personal Pension" mal-kumpanija AJ Bell (illum trasferita mal-kumpanija Belvins Franks) – f'ishma ta' 80% f'isem l-attur u 20% f'isem il-konvenura – mil-liema kont kienu jithallsu l-bzonnijiet kollha kemm fil-hajja ta' kuljum u kemm spejjez straordinarji;*

7. *Illi l-istess dar gewwa l-Gran Canaria hija prattikament maqsuma f'zewgt residenza, wahda mil-liema tinkera lill-terzi persuni. Illi minn meta l-attur telaq mill-imsemmija dar, il-konvenuta ma baqatx tghaddilu sehemu mill-imsemmija kirja. L-attur spicca maqtugh minn kull access illi huwa kellu kemm ghall-beni u flejjes tieghu gewwa l-Gran Canaria, dan billi l-konvenuta blockjatlu n-numru tal-mobile u tirrifjuta illi tikkomunika mal-attur;*

8. *Illi minn wara illi l-kontendenti infirdu de facto sa ftit jiem ilu, l-attur ttenta illi jasal ghal ftehim mal-konvenuta martu dwar il-kondizzjonijiet tas-separazzjoni taghhom, b'numru differenti ta' modalitajiet, fosthom e-mails, telefonati, u anka komunikazzjoni mibughta permezz tad-DHL, izda ghad illi ghadda zmien konsiderevoli u ghad illi l-attur ghamel li seta biex da nil-ftehim jintlahaq, huwa kien kostrett jipprezenta din l-istanza ghaliex jidher illi il-konvenuta ma tixtieqx illi din il-kwistjoni tigi rizolta bi ftehim;*

9. *Illi b'konsegwenza ta' dan kollu mistqarr, l-attur jinsab kompletament imcahhad mill-assi u l-proprjeta' kollha tieghu;*

10. *Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati illi jipprezentaw lawza ta' separazzjoni b'digriet f'dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' Novembru 2020 (Dok. B).*

*Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguniet premessi:*

i. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal minhabba inkompatibilita' ta' karattru u ragunijiet ohra illi jirrizultaw mill-provi f'din il-kawza u li skont il-Ligi jwasslu ghall-otteniment ta' separazzjoni personali.*

ii. *Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha parafernali ossija personali tieghu, u okkorrenti tordna lill-attur ikollu amministrazzjoni kolha tal-beni parafernali tieghu;*

iii. *Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attur kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti, jew kull komunjoni iehor tal-partijet ghandhom ezistenti bejniethom skont ir-regim legali applikabbi ghalihom jew xort' ohra kuntrattata minnhom liberament, liema krediti u d-debiti korrispettivi ghandhom jigu nkluzi fl-iskema tad-divizjoni tal-assi u d-debiti komuni hawn mitluba;*

iv. *Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attur kontra l-konvenuta, inkluz il-pagament u avvanzi kollha maghmula mill-attur lill-konvenuta fil-*

*kors taz-zwieg taghhom illi bihom il-patrimonju tal-konvenuta gie arrikit jew il-valur jew kontenut tieghu kiber, tiddikjara illi l-attur huwa l-kreditur tal-konvenuta fis-somma hekk likwidata u tikkundanna lill-konvenuta thallas u tirrifondi lill-attur l-ammont hekk likwidat;*

v. *Tillikwida il-propjeta' akkwistata konguntivament mill-partijiet, tittermina kull kommunjoni ta' pussess ezistenti bejn il-partijiet fir-rigward tal-proprjeta' hekk likwidata u tordna illi l-proprjeta' hekk likwidata tigi diviza f'zewg porzjonijiet komposti if ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia, tal-ammonti mhallsa minn kull parti fil-prezz tax-xiri ta' kull wahda mill-oggetti varji, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta;*

vi. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-assi u d-dejn komprizi fl-istess komunjoni tal-akkwisti;*

vii. *Tiddikjara xjolta ukoll kull komunjoni iehor ta' proprjeta' u/jew gid iehor u/jew ta' dejn ezistenti bejn il-partijiet, ta' liema xorta tkun, gew sew mis-sistema' legali illi kienet fl-epoka tal-akkwist ta' xi gid minn xi parti jew ohra, u tirregola l-patrimonju taghhom jew xort' ohra billi giet akkwistata minnhom flimkien;*

viii. *Tordna illi jigi akkumulat id-dejn u l-gid kollu komuni tal-kontendenti, sew dak gew mill-komunjoni u kif ukoll dak gej minn komunjoni ohra ta' proprjeta', u kif ukoll dawk il-krediti u djun likwidati b'sehh ta' dak mitlub fis-sebgha talba dwar il-pretenzjonijiet parafernali tal-attur kontra l-konvenuta jew kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

ix. *Tordna li l-istess gid u djun komuni, akkumulat skont kif mahsub fit-talba precedent jew xort' ohra kif ordnat mill-Qorti, jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia f'dak illi jirrigwarda l-gid gej mill-komunjoni tal-akkwisti, tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenuta u l-ohra lill-attur;*

x. *Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta illi hija nguna s-subizzjoni.m*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-attur datata 17 ta' Marzu 2021,[2] permezz ta' liema ppreżenta t-traduzzjoni tar-rikors ġuramentat fil-lingwa Ingliża;[3]

Rat li l-konvenuta ġiet debitament notifikata permezz tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti), tramite l-Avukat tal-Istat;[4]

Rat illi l-konvenuta ma ppreżentatx riposte ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi, u għalhekk fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2022 il-konvenuta ġiet iddikjarata li tinsab fi stat ta' kontumaċja;[5]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv 1170 tas-sena 2002;[7]

Rat id-digriet tal-Qorti datat 3 ta' Novembru 2020,[8] fejn iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lil partijiet jipproċedu b'kawża legali fit-terminu impost mil-liġi;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-verbal tat-12 ta' Jannar 2023,[9] fejn il-Qorti akkordat lill-attur xahar żmien sabiex jagħmel in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu bin-notifika lill-konvenuta, li

[2] Fol. 17.
[3] Fol. 18.
[4] Fol. 34 – 40.
[5] Fol. 42.
[6] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tal-11 ta' Jannar 2022, a fol. 42.
[7] Fol. 7.
[8] Fol. 10.
[9] Fol. 619.

jkollha ukoll xahar żmien biex twieġeb u dan ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[10]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[11]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħatja għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara u tiappronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħatja għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur dawk il-beni kollha parafernali tiegħu, kif ukoll tordna li huwa jkollu l-amministrazzjoni kollha tal-istess beni;

3. Tillikwida l-krediti parafernali pekularji tal-attur kontra l-kommunjoni viġenti bejn il-partijiet u l-konvenuta, inkluż dawk il-pagamenti u avvanzi kollha magħmula fil-kors taż-żwieġ lill-konvenuta li servew sabiex il-patrimonju tagħha kiber u ġie arrikit, liema kreditu jrid jiġi nkluż fl-iskema tad-diviżjoni tal-assi u djun, filwaqt li tikkundanna lill-konvenuta tħallas tali somma likwidata lill-attur;

[10] Fol. 620.
[11] Fol. 619.

4. Tillikwida l-proprjeta' akkwistata konġuntivament mill-partijiet filwaqt li tittermina l-kommunjoni ta' pussess eżstenti, b'dana illi l-proprjeta' tiġi diviża f'żewġ porzjonijiet li għandhom jiġu assenjati lill-partijiet;

5. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, u kif ukoll kull kommunjoni oħra li tirregola l-patrimonju tagħhom;

6. Torna li jiġi akkumulat il-ġid u d-dejn kollu tal-partijiet li ġejjin minn kwalsiasi komunjoni, inkluż dawk dwaril-krediti parafernali tal-attur kontra l-konvenuta u l-kommunjoni, u tordna li l-dawn jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet u assenjati lill-partijiet;

7. Tawtorizza lill-attur jirreġistra s-sentenza odjerna fir-Reġistru Pubbliku.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja stante li ma ppreżentatx risposta ġuramentata, u lanqas talba għall-ġustifikazzjoni tal-istat ta' kontumaċja li tinsab fih. Barra minn hekk, minkejja l-fatt li l-Qorti akkordatilha terminu sabiex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija xorta waħda naqset milli tippreżenta l-istess.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*<u>Il-Verżjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenuta:</u>*

L-attur xehed permezz ta' affidavit,[12] fejn jispjega li sa mill-1994 u qabel ma ltaqa' mal-konvenuta huwa ken qiegħed imexxi l-kumpanija bl-isem ta' Universal Arches Ltd ġewwa l-Ingilterra liema negozju kien ta' suċċess. Dak iż-żmien kien qed jirnexxielu jfaddal madwar GBP 5,000 fix-xahar. Jispjega li dan in-negozju inbeda ftit tas-snin qabel ma' ddivorzja minn mal-ewwel mara tiegħu fis-26 ta' Awwissu 1997, fejn bi ftehim bejniethom qablu illi d-dar matrimonjali tagħhom bl-indirizz *'22, Drayton Crescent, Blackbrooke'* tkun tappartjeni solament lill-attur. Kien għalhekk, illi minħabba li huwa baqa' jgħix fl-istess residenza ma' ibnu F, l-attur kompla jinvesti flusu fl-istess residenza bil-konsegwenza li d-dar ġiet konvertita f'dar b'erba' (4) kmamar tas-sodda. Fl-istess waqt kellu ukoll is-somma ta' GBP 20,000 mwarba, u kellu vettura tat-tip Nissan 200SX. Konsegwentement iltaqa' mal-konvenuta, fejn kienet għadha miżżewġa, u li

[12] Fol. 468.

kienet saret ħabiba ta' oħt il-konvenut. Il-partijiet ħassew ġibda lejn xulxin, u dwar dan sar jaf ukoll ir-raġel tal-konvenuta fejn per konsegwenza dawn temmew ir-relazzjoni tagħhom, u l-partijiet bdew jgħixu flimkien fs-sena 1999. Bint il-konvenuta kienet iġġib fid-dar tal-attur numru ta' *boyfriends*, u kienet tagħmel diversi *parties* li kkawżaw ħsara fl-imsemmija dar. Maż-żmien il-konvenuta waqfet taħdem fin-negozju li kellha mal-ex raġel tagħha, u għalhekk saret finanzjarjament dipendenti fuq l-attur.

L-attitudni tal-konvenuta, u l-kwistjonijiet li kellha mal-ex raġel tagħha u uliedha, bdew idejjqu lill-attur, u minkejja li talabha sabiex titlaq mid-dar tiegħu, din baqgħat hemmhekk. Jispjega ukoll li fil-proċess tad-divorzju tal-konvenuta minn mar-raġel tagħha, l-attur ħallas lill-*accountant* tiegħu sabiex jgħinha rigward kwistjonijiet ta' taxxa, liema kont ta' taxxa ġie ukoll mħallas mill-attur, flimkien mal-*accountancy fees*. Jgħid li mid-divorzju tagħha, il-konvent ħadet biss GBP 2,000, ħwejjiġha u affarijiet oħra personali. Kien ukoll xtralha karozza tat-tip Suzuki. Jingħad ukoll li r-relazzjoni tal-partijiet bdiet tiddeterjora meta dawn kienu għadhom jgħixu ġewwa l-Ingilterra, għaliex il-konvenuta kienet tikkmanda u tiddetta lill-attur x'għandu jagħmel. Jingħad li waqt dawn l-argumenti, il-konvenut kienet iddur għall-alkohol. Barra minn hekk kull darba li l-partijiet kienu joħorġu jieklu f'*restaurant*, il-konvenuta kienet tispiċċa tixrob u tifflertja ma' rġiel oħra quddiem l-attur stess.

Nelfrattemp, l-attur jgħid li xtara dar ġewwa Malta, bl-indrizz *'X, Triq is-X, Mellieħa'* versu l-prezz ta' Lm45,000 u dan nhar l-4 ta' Ottubru 2000. Il-konvenuta ma kienetx togħgobha Malta, u dejjem ikkawżat problemi lill-attur ma' familtu ġewwa Malta. Dan apparti li l-konvenuta kellha ukoll problemi ma' iben l-attur, fejn dan tal-aħħar spiċċa sabiex telaq mid-dar ta' missieru minħabba li l-konventa kienet vjolenti fil-konfront tiegħu. Nonostante l-premess, l-attur ħatar lill-konvenuta bħala *company secretary* nhar l-1 ta' Jannar 2001. Magħdud ma' dan, nhar it-23 ta' Novembru 2001, l-attur biegħ id-dar tiegħu ġewwa Blackbrooke lil Christina H versu s-somma ta' GBP 70,000. Fl-istess ġurnata, l-attur xtara fond bl-indirizz *'X, X, St Helens'* għas-somma ta' GBP 135,000, imħalsa parzjalment bil-bejgħ tal-proprjeta' ta' Blackbrooke u *loan* minngħand Natwest. Bix-xogħol li sar da parti l-attur, din id-dar kienet tiswa madwar GBP 300,000. Din id-dar sussegwentament serviet bħala r-residenza tal-partijiet. Kien xtara ukoll żewġ vetturi, u dan billi żied il-*loan* li kellu. Barra minn hekk fl-2001, l-attur xtara ukoll fabbrika f'*Peasley Cross Lane* għas-somma ta' GBP 195,000 u dan tramite is-*Self Investment Pension* li nbeda fit-30 ta' Novembru 2001, fejn l-attur kellu fuq ismu 60%, 20% fuq isem il-konvenuta, u 20% fuq isem G H. Il-

konvenuta kienet ġiet mogħtija l-pożizzjoni ta' *sales director* fin-negozju tal-attur u dan għal raġunijiet ta' taxxa.

Sussegwentament il-partijiet iddeċidew li jiżżewġu ġewwa Malta nhar l-20 ta' Lulju 2002, liema żwieġ ġie jiswa lill-attur is-somma ta' Lm15,000. Wara iċ-ċerimonja, il-partijiet marru lura l-Ingilterra. Kellhom *joint account* ma' Natwest li fih kien jiġi depożitat id-dħul tal-partijiet. Il-kumpanija tal-attur kienet sejra tajjeb, fejn għalkemm il-konvenuta kienet tassisti lill-attur fir-responsabbiltajiet b'mod tiegħu, huwa jisħaq li finalment huwa kien responsabbli għal kollox. Maż-żmien in-negozju ġie mibjugħ nhar l-24 ta' Frar 2006 lil I and J K, iżda sas-sena 2014 huma kienu qed jikru l-*premises* tal-fabbrika ġewwa Peasley Cross Lane, liema kirja kienet qed titħallas direttament lil AJ Bell bħala *trustees* li kienu qed iħalsu il-*loan,* VAT, filwaqt li l-bilanċ kien qed jinqasam fil-porzjonijiet ta' 60%, 20% u 20%. Il-profitt mill-bejgħ tan-negozju kien dak ta GBP 180,000, stante li mis-somma tal-bejgħ globali ta' GBP 750,000 kellu ukoll iħallas il-*loan* ta' GBP 240,000. Konsegwentament nhar it-3 ta' Ottubru 2007, l-attur biegħ ukoll id-dar ġewwa St Helens versu l-prezz ta' GBP 317,500, u fl-istess sena l-partijiet irrilokaw ġewwa Malta sabiex l-attur ikun jista' jispiċċa jirrenova l-proprjeta' parafernali tiegħu ġewwa l-Mellieħa. Għal dan il-proġett l-attur issellef is-somma ta' LM 90,000 minngħand HSBC Bank Malta li ġie estiż għal €230,000, sabiex seta' jwaqqa' l-fond u jibni appartamenti. Fl-istess żmien, l-attur ingħata ukoll is-somma ta' Lm13,000 li kienu ġejjin mill-bejgħ tal-proprjeta' ta' nannuh. Sakemm il-partijiet kienu Malta, l-attur xtaq illi jgħin lil ħuh George jieħu ħsieb lil ommhom, iżda dlonk il-konvenuta bdiet tindaħal dwar dan ukoll, fejn minħabba l-attitudni tagħha, huwa spiċċa sabiex ma jkellimx lil ħutu għal madwar tlettax-il (13) sena. L-attur jgħid li l-konvenuta kienet it-tip li tikkawża *drama* kull fejn tmur, kienet tobgħod lil Malta u l-familja tal-attur. Jispjega ukoll illi sakemm kienu Malta, għall-ewwel tnax-il (12) xahar huma krew villa, umbagħad marru jirrisjedu f'appartament fejn l-attur jgħid li xtara l-għamara tal-kamra tas-sodda u l-kċina. Konsegwentament fl-2010, wara li l-attur biegħ il-*penthouse* u appartament numru tnejn fil-blokka tiegħu il-partijiet iddeċidew li kien wasal iż-żmien li jirrilokaw ġewwa l-Gran Canaria. Ir-rikavat mill-bejgħ tal-appartamenti mibnija fuq il-proprjeta' parafernali tiegħu, kien dak ta' €735,085, fejn ħallas il-bqija tal-*loans*. Barra minn hekk parti minn dan ir-rikavat intuża ukoll sabiex il-partijiet bdew il-ħajja tagħhom ġewwa l-Gran Canaria, fejn għall-ewwel krew villa għal kirja mensili ta' €1,300. Jingħad li bint il-konvenuta, ad insaputa tal-attur, marret tgħix magħhom temporanjament, liema stat ta' fatt ta lok għal diversi argumenti bejn il-partijiet.

Magħdud mal-premess, nhar is-26 ta' Settembru 2014, il-partijiet biegħu ukoll il-fabbrika ġewwa Peasley Cross Lane lil L K għas-somma ta' GBP 632,180, mingħajr VAT, fejn ir-rikavat inqasam fil-porzjonijiet ta' 60%, 20% u 20%. L-attur kien ukoll ftiehem illi jixtri residenza ġewwa l-Gran Canaria għal prezz ta' €350,000, fejn depożitu ta' €24,500 ġie mħallas mir-rikavat tal-bejgħ tal-aħħar appartament ġewwa l-Mellieħa, kif ukoll is-somma ta' €48,000 mill-bejgħ tal-*maisonette,* u l-bqija tal-flus ġew depożitati f'*joint account* ġewwa La Cassia. Dwar id-dar ġewwa Gran Canaria, l-attur jgħid li finalment ħallas is-somma ta' €245,000 fil-kuntratt finali ta' bejgħ li ġew minn sehemu mis-Self Investment Pension. L-attur jgħid li apparti x-xiri, huwa investa ukoll is-somma ta' €100,000 għal *refurbishment* tal-istess li ġew mis-Self Investment Pension, fejn *inter alia* bena sular ieħor li minn Frar 2016 beda jinkera bħala apartment lil turisti u ien reġistrat fuq isem il-konvenuta b'rata ta' €80 fil-ġurnata. Il-kirja kienet qiegħda tiġi depożitata fil-*joint account*, iżda meta l-attur telaq mill-Gran Canaria dan waqaf isir. Fid-dar matrimonjali kienu saru ukoll proġetti oħra, fejn din ġiet tikkonsisti fi tlett (3) *areas* separati. Dan kollu sar permezz ta' sehem l-attur mis-Self Investment Pension.

L-attur jispjega illi l-attitudni tal-konvenuta baqgħat tiggrava, hi bdiet tixrob u tifflertja ma' rġiel oħra. Kienet ukoll bdiet tagħmel użu mill-*marijuana* f'forom differenti b'mod konsistenti għaliex skontha ma kienetx qiegħda torqod sewwa bil-lejl u kellha uġigħ. Kienet saret dipendenti fuq il-*marijuana* tant li darba minnhom meta l-partijiet marru l-Ingilterra sabiex jaraw lil iben il-konvenuta, l-attur ma felaħx l-aġir ta' martu stante li din ma kienetx qed tagħmel użu mill-*marijuana* peress din illegali ġewwa l-Ingilterra u telaq lura lejn Gran Canaria waħdu. L-attur jgħid li l-konvenuta kienet offensiva fil-konfront tiegħu, kienet tittormentah verbalment, u fiżikament kienet ukoll aggressiva. Xejn ma kien jagħmilha ferħana, u dak kollu li jagħmel l-attur kien dejjem ħażin. Jispjega ukoll li dak iż-żmien, il-konvenuta kienet tonfoq l-introjtu tagħha fuq *makeup,* xorb, ħwejjeġ u *marijuana*, u ma kienet tikkontribwixxi xejn lejn il-familja tagħhom. Anzi kienet tispiċċa sabiex tiġbed il-fus mill-*joint account* mingħajr ma tikkonsulta mal-attur, u spiċċa biex skopra ukoll illi l-konvenuta poġġiet isem bintha D fil-*joint account* tagħhom mingħajr il-kunsens tal-attur. Il-konvenuta kienet ukoll tagħti ħafna flus lil bintha, iżda jgħid ukoll li sal-ġurnata ta' llum huwa ma għandux aċċess għal dan il-*joint account* sabiex jivverifika x'somma inġibdet mill-konvenuta u bintha, u dan stante li huwa ma għadux preżenti ġewwa l-Gran Canaria u l-konvenuta neħħietlu kull aċċess. L-attur jikkonferma li r-relazzjoni ta' bejnu u l-konvenuta ddetterjorat ħafna sakemm kienu qegħdin l-Gran Canaria, fejn il-konvenuta kienet tispiċċa tieħu ħsieb ulied bintha, sakemm D kienet tmur tiddeverti. Kien iħoss li kien qiegħed jiġi sfruttat finanzjarjament

għaliex kemm l-attriċi, kif ukoll bintha u uliedha kienu kollha kemm huma jiddependu fuqu finanzjarjament. Barra minn hekk, jiġi spjegat li l-konvenuta ma kienetx ħadet pjaċir illi l-attur kien irnexxielu jibda jkellem lil ħutu wara l-mewt ta' ommhom, u kif ukoll lil bintu tar-rispett. Jirrakonta ukoll illi l-konvenuta bdiet ixxerred l-għajdut mal-familjari u ħbieb li l-attur huwa *bipolar* u li kien ser jitlaqha sabiex jibda ħajja ġdida mingħajrha.

L-attur jispjega illi l-intenzjoni primarja tiegħu u dan bi qbil mal-konvenuta, kienet illi jitlaq minn Gran Canaria għal sitt xhur, fejn poġġew id-dar tagħhom għal bejgħ versu l-prezz ta' €350,000, u wara dan il-perjodu ta' sitt xhur, huwa jirritorna lura l-Gran Canaria sabiex is-separazzjoni ta' bejniethom tiġi finalizzata, u jaqsmu l-proprjetajiet u l-assi tagħhom. Barra minn hekk jgħid li qabel ma' telaq f'Jannar 2020, huwa ddepożita s-somma ta' €15,000 u €10,000 fil-*joint account* tagħhom sabiex il-konvenuta tkun tista' tħallas il-kontijiet u *loan,* apparti li mal-wasla tal-attur ġewwa Malta huwa kompla jittrasferixxi xi flus lill-konvenuta, fosthom is-somma ta' €20,000 sabiex tħallas €15,000 minnhom fuq il-*credit cards* u €5,000 għal taxxa fuq il-*flat* li qed jikru. Madanakollu ma jafx jekk tali somom ġewx utilizzati għal ħlas kif intiż minnu. Barra minn hekk, minħabba l-pandemija tal-Covid-19 huwa ma rnexxilux jmur lura Gran Canaria wara sitt xhur, u għalkemm għall-ewwel ftit xhur il-konvenuta baqgħat tikkomunika miegħu, wara sussegwentament waqfet u beda jkellmu l-avukat tagħha ċertu M N li qallu biex ma jersax lejn id-dar ġewwa Gran Canaria għaliex jiġi arrestat stante li l-konvenuta kienet allegat li hija kienet abbużata mill-attur. L-attur jgħid li qabbad avukat ukoll ġewwa Spanja sabiex jikkomunika ma' M N ħalli s-separazzjoni ssir b'mod amikevoli, iżda l-avukat N ma riedx jikkomunika. L-avukat tal-attur ġewwa Malta ukoll pprova jikkomunika mal-konvenuta u dan billi bagħat ittra, iżda l-konvenuta baqgħat ma rrispondietx. Nelfrattemp, l-attur sar jaf illi l-konvenuta akkużatu li kien vjolenti magħha, u f'każ li jmur lura l-Gran Canaria huwa jkun arrestat. Huwa poprju għalhekk li huwa ma marx lura. Il-konvenuta ma għadx għandha ebda komunikazzjoni mal-attur, u qiegħda tikri anke parti mid-dar matrimonjali tagħhom taħt isimha xebba, u tgħid li l-appartament huwa tagħha.

L-attur jgħid illi *"I am trapped in a situation where I have no access to my assets, personal belongings and home because of my wife's false allegations and spiteful behaviour"*.[13] Għalhekk huwa jemmen illi l-konvenuta ħadet vantaġġ minn fuqu, u l-assi kollha parafernali tiegħu.

[13] Fol. 481.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu dwar it-tifrik taż-żwieġ, l-attur ma ressaq l-ebda prova.

*Il-Verżjoni tal-Konvenuta u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attur:*

Il-Qorti tara illi l-konvenuta hija kontumaċi f'dawn il-proċeduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verżjoni tagħha dwar il-fatti u l-mertu tal-każ odjern.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

a. *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[14] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[15] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[16] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija,

[14] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[15] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[16] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[17] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[18] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[19]; *Skond l-istess Qorti* "*Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[20]

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*</u>

Jidher li l-partijiet iżżewġu nhar l-20 ta' Lulju 2002, minn liema żwieġ ma twieldux tfal. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attur safa' sabiex beda l-proċeduri odjerni kontra l-konvenuta, fejn jisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba l-aġir aggressiv u mhux xieraq tal-konvenuta matul iż-żwieġ, kif ukoll minħabba nuqqas ta' kompatibbilita' fil-karattru. Skont l-attur, dawn il-kwistjonijiet taw lok għal separazzjoni personali abbażi ta' dawk il-kriterji elenkati f'Artikoli 40 tal-Kodiċi Ċivili.

[17]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[18]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[19]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[20]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

Mill-atti jirriżulta illi l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u għalhekk l-attur jidher li qed iserraħ fuq ix-xhieda tiegħu stess, fejn fil-fatt fl-affidavit tiegħu stess taħt ġurament jiddikjara illi: *"I consider that my marriage with C broke down for a number of reasons. As mentioned in detail within this affidavit these include the fact that she drove a wedge between myself and my family, and subsequently drove me to cut all ties with me, severing my relationship with the people that matter so much to me, including my siblings and my step-daughter Christina. From when we met, we also had various problems regarding our respective children; she would always prioritise her children since she had control of all of our finances, she would transfer a lot of money to her children without my consent or knowledge. The other reasons include her physical and verbal abuse, her controlling behaviour, her constantly offending and belittling me, even in public in front of strangers, and also due to her flirting with third parties, alcohol addiction use of marijuana and erratic behaviour".*[21]

Għalhekk mis-suespost jirriżulta li fil-fehma tal-attur, iż-żwieġ tiegħu tkisser minħabba s-segwenti kwistjonijiet: (i) id-dipendenza finanzjarja tal-konvenuta fuq l-attur tant li tieħu l-flus mingħajr konsultazzjoni mal-attur, (ii) it-tfal prijorita' assoluta tal-konvenuta, tant li dawn dejjem ikunu magħhom u jgħixu taħt l-istess saqaf filwaqt li jiddependu ukoll finanzjarjamet fuq l-attur, (iii) il-karattru tal-konvenuta li tikkmanda, tikkontrolla u twaqqa' għaċ-ċajt lill-attur, (iv) il-pjaċir tal-konvenuta li ddur għal-*alcohol* anke waqt argumenti bejniethom, (v) il-*flirting* da parti l-konvenuta ma' rġiel oħra anke addirittura quddiem l-attur stess, (vi) l-użu u d-dipendenza tal-konvenuta fuq il-*marijuana,* (vii) l-attitudni tal-konvenuta li tikkreja problemi lill-attur ma' familtu, inkluż ma' ibnu, (viii) l-attitudni tal-konvenuta bħala mara vjolemti fiżikament, verbalment, offensiva, aggressiva, u giddieba tant li bdiet ixxerred għajdut fuq l-attur li hu *bipolar*.

Madanakollu, dak kollu allegat mill-attur ma ġiex minimament ippruvat. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li ma għandhiex għalfejn tiddubita lill-attur fir-rigward tal-fatt li l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin sa minn Jannar 2020, u għalhekk tinsab konvinta li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Dan stante illi tali firda *de facto* minnha nnifisha tfisser illi hemm differenza fil-karattri tal-partijiet, tant li ma humiex jaqblu, fejn is-separazzjoni

[21] Fol. 479.

*de facto* kienet l-aħjar soluzzjoni u li fattwalment ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Għaldaqstant, il-Qorti meta rinfaċċjata bil-verżjoni mhux kontradetta tal-attur, iżda liema verżjoni ma ġietx minimament ikorraborata minn xhieda ta' familjari u ħbieb, ritratti, u dokumenti oħra li jsaħħu l-verżjoni tal-attur stess, il-Qorti temmen li r-responsabbilita' tal-ħtija għandha tiġi assenjata liż-żewġ partijiet b'mod ugwali. Fid-dawl ta' dan, jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lill-partijiet ugwalment ħatja għal inkompattibilita' fil-karattru.

**3. It-Terminazzjoni tar-Reġim Matrimonjali tal-Partijiet, il-Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mir-Reġim Adoperat bejn il-Partijiet fiż-Żwieġ tagħhom sakemm kienu Malta, Ingilterra u Spanja, kif ukoll l-Elenku u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali tal-Partijiet:**

Il-Qorti tirrileva illi l-partijiet iżżewġu nhar l-20 ta' Lulju 2002 ġewwa Malta. Jingħad illi ai termini tal-Artikolu 1316 tal-Kodiċi Ċivili, żwieġ ġewwa Malta iġib *ipso jure* bejn il-partijiet il-komunjoni tal-akkwisti.

Madanakollu, fil-każ odjern, il-Qorti tara li għalkemm il-partijiet iżżewġu Malta, maż-żwieġ dawn qatt ma kellhom l-intiża li jistabbilixxu d-dar matrimonjali tagħhom ġewwa Malta, hekk kif dawn wara ftit jiem miċ-ċerimonja dlonk telqu lura l-Ingilterra stante li ħajjithom kienet fil-fatt stabbilita hemmhekk. Fil-fatt, l-attur jgħid illi *"I had to go back to tend to my business"*,[22] u ċjoe' lura l-Ingilterra fejn fil-fatt apparti li l-attur kellu negozju, il-partijiet kellhom ukoll id-dar matrimonjali bl-indirizz ta' *'18, Troutbeck Grove, St Helens'*, liema fond kien ilu jikkostitwixxi r-residenza primarja tal-partijiet sa qabel ma żżewġu.[23]

[22] Fol. 472, paragrafu numru 28.
[23] Fol. 471, paragrafu numru 22.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma tistgħax tgħid illi maż-żwieġ kellu japplika Artikolu 1316 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, u toħodha bħala stat ta' fatt illi r-reġim viġenti bejn il-partijiet kien ta' bilfors dak tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt mill-atti jidher illi wara ż-żwieġ il-partijiet għamlu madwar ħames (5) snin jgħixu l-Ingilterra, sussegwentament irrilokaw Malta għal tlett (3) snin bil-għan li jsir proġett fuq biċċa art ġewwa l-Mellieħa, u finalment mil-2010 sal-mument li fih il-partijiet isseparaw *de facto* f'Jannar 2020 huma rrilokaw permanentament ġewwa Spanja tant li bdew ukoll attivita' ta' kiri. Għalhekk il-partijiet daru b'kollox tlett (3) pajjiżi, fejn kull pajjiż għandu s-sistema' legali tiegħu, inkluż rigward ir-reġim matrimonjali. Għalhekk minkejja li l-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu l-każ odjern u jiddeterminaw is-separazzjoni tal-partijiet billi japplikaw il-*lex fori*, fejn *si tratta* r-reġim matrimonjali viġenti, il-Qorti trid xorta waħda timxi b'kawtela għaliex hemm dak li jissejjaħ il-*foreign element*. Dan qiegħed jingħad ġialadarba: (i) il-Qorti ma għandha l-ebda prova tal-liġi barranija f'dan ir-rigward, u (ii) ma hemm l-ebda indikazzjoni preċiża u inekwivoka tar-reġim li addottaw bejniethom il-partijiet hekk kif telgħu l-Ingilterra.

Għaldaqstant huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tiddeċiedi dwar dak ir-reġim matrimonjali li jħaddnu l-partijiet bejnethom. Minkejja dan il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha mresqa mill-attur dwar l-assi kollha kemm dawk akkwistati qabel iż-żwieġ, kif ukoll dawk wara ż-żwieġ, ossija:

a. *Estratt minn gazzetta Ingliża datata 10 ta' Awwissu 2000, li titkellem dwar is-suċċess tal-attur u n-negozju tiegħu li jidher li beda mis-sena 1994*;[24]

b. *Kopja tad-divorzju bejn l-attur u O B datat 26 ta' Awwissu 1997*;[25]

c. *Kopja tal-insinwar tal-kuntratt tal-akkwist tad-dar ġewwa l-Mellieħa nhar l-4 ta' Ottubru 2000 mill-attur waħdu versu l-prezz ta' Lm 45,000*;[26]

d. *Dokument li juri li l-attur appunta lill-konvenuta bħala company secretary nhar l-1 ta' Jannar 2001*;[27]

[24] Fol. 484 – 487.
[25] Fol. 488.
[26] Fol. 489.
[27] Fol. 490.

e. *Dokument li juri l-bejgħ tad-dar tal-attur ġewwa Blackbrooke nhar it-23 ta' Novembru 2001versu l-prezz ta' GBP 70,000;*[28]

f. *Dokument li juri ix-xiri ta' proprjeta' ġewwa St Helens nhar it-2 ta' Marzu 2001 versu l-prezz ta' GBP 135,000;*[29]

g. *Kopja tal-loan mehud mit-trustees tas-Self Investment Pension ma' Natwest fis-somma ta' GBP 126,000 Bi ħlas mensili ta' GBP 1,142.77 għal ħmistax-il (15) sena, sabiex setgħat tiġi mixtrija l-fabbrika ġewwa Peasley Cross Lane;*[30]

h. *Dokument tar-riżenja tal-attur bħala direttur tal-kumpanija datat 24 ta' Frar 2006;*[31]

i. *Dokument li juri li L P K ġie appuntat direttur minnflok l-attur nhar l-24 ta' Frar 2006;*[32]

j. *Dokument li juri l-bejgħ tal-proprjeta' ġewwa St Helens nhar it-3 ta' Ottubru 2007 għal prezz ta' GBP 317,500;*[33]

k. *Kopja tal-kuntratt tal-bejgħ tal-fabbrika ġewwa Peasley Cross Lane nhar is-26 ta' Settembru 2014 versu l-prezz ta' GBP 712,500 bejn AJ Bell (PP) Trustees Limited, l-attur, il-konvenuta u Shaun Adrian Faulkner bħala l-bejjiegħa u Universal Arches Limited bħala x-xerrejja;*[34]

l. *Dokument li jistabbilixxi t-trasferiment ta' Lm 13,000 lill-attur bħala sehemu mill-bejgħ tal-proprjeta' ta' nannuh;*[35]

m. *Nota ta' reġistrazzjoni tal-begħ tal-fond bl-indirizz 'X, Dun X, Birkirkara';*[36]

n. *Nota ta' reġistrazzjoni tal-bejgħ tal-fond bl-indirizz 'X, X, Triq X, Birkrkara';*[37]

---

[28] Fol. 491.
[29] Fol. 492.
[30] Fol. 493 – 509.
[31] Fol. 510.
[32] Fol. 511.
[33] Fol. 492.
[34] Fol. 512 – 514.
[35] Fol. 515.
[36] Fol. 516.
[37] Fol. 517.

o. *Nota ta' reġistrazzjoni tal-bejgħ ta' biċċa art ġewwa l-Imrieħel fil-limiti ta' Birkirkara*;[38]

p. *Korrispondenza bejn l-attur u r-rappreżentanti ta' AJ Bell li tikkonferma li s-Self Investment Pension nbdiet nhar it-30 ta' Novembru 2001, u t-transfers li saru bħala depożiti kienu: (i) GBP 8,595.05 nhar it-3 ta' Diċembru 2001, (ii) GBP 29,487 nhar it-3 ta' Diċembru 2001, (iii) GBP 7,600 nhar id-29 ta' Awwissu 2002, (iv) GBP 536.09 nhar id-29 ta' Diċembru 2001, u bħala transfers 'il barra kien hemm ieħed nhar it-30 ta' Ġunju 2015 fis-somma ta' GBP 428,849.60 lil London & Colonial*;[39]

q. *Dokument min-Nutar Dr Sam Abela datat 25 ta' Jannar 2011 dwar l-iżvilupp tal-plot ġewwa l-Mellieħa u l-ħlas taċ-ċens*;[40]

r. *Kopja tal-kuntratt ta' bejgħ datat 10 ta' Jannar 2010 mill-partijiet flimkien dwar l-appartament fl-ewwel sular u car space numru 1 għal prezz ta' €191,000*;[41]

s. *Kopja tal-kuntratt ta' bejgħ datat 5 ta' Marzu 2010 mill-partijiet flimkien dwar il-bejgħ tal-penthouse numru 3 bl-arja sovrastanti u l-car space numru 2, basement u bir versu l-prezz ta' €207,100*;[42]

t. *Kopja ta' kuntratt ta' bejgħ datat 18 ta' Ottubru 2010 mill-partijiet flimkien dwar tal-appartament numru 2 versu l-prezz ta' €204,984.86*;[43]

u. *Kopja ta kuntratt ta' bejgħ datat 20 ta' Novembru 2013 mill-partijiet flimkien dwar il-bejgħ tal-maisonette u l-car space bin-numru 3 versu l-prezz ta' €132,000*;[44]

v. *Ritratti tad-dar matrimonjali ġewwa Gran Canaria*;[45]

w. *Dokument minngħand London & Colonial datat 14 ta' Diċembru 2020, fejn jikkonfermaw li nhar it-3 ta' Lulju 2015 huma rċivew is-somma ta'*

[38] Fol. 518.
[39] Fol. 519.
[40] Fol. 520 – 521.
[41] Fol. 522 – 532.
[42] Fol. 533 – 541.
[43] Fol. 542 – 544.
[44] Fol. 545 – 547.
[45] Fol. 548 – 449.

*€599,319.80, li minnhom saru diversi transazzjonijiet, li skont l-attur dawk tas-7 ta' Settembru 2015 fis-somma ta' €189,561.07 saru għax-xiri tad-dar ġewwa Gran Canaria, permezz ta' ċekk ta' €213.324*;[46]

x. *Statement maħruġ minn London & Colonial nhar il-31 ta' Mejju 2019 dwar is-SIPP tal-attur bin-numru 6238*;[47]

y. *Dokument li jistabbilixxi li kienet dejjem il-konvenuta li kienet tieħu ħsieb il-korrispondenza dwar l-assi tagħhom, kif ukoll it-transfer tal-flus għal għand London & Colonial*;[48]

z. *Dokument maħruġ minn Belvins & Franks dwr in-numru tal-policies tal-partijiet, ossija dik tal-attur hija 6238, filwaqt li tal-konvenuta hija 6237*;[49]

aa. *Statement bankarju ma' Caixa Bank għal perjodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u t-8 ta' April 2020, fejn jidher li l-account holders huma l-partijiet u D E*;[50]

bb. *Korrispondenza bejn l-attur u l-bank ġewwa Gran Canaria fejn qalulu li dawn ma jistgħux jgħinuh biex jagħtu xi informazzjoni għaliex ma jistgħux iċemplulu*;[51]

cc. *Dokumenti li juru li l-konvenuta qiegħda tikri parti mid-dar matrimonjali taħt isimha xebba*;[52]

dd. *Kopja tal-kuntratt ta' xiri tal-proprjeta' ġewwa Gran Canaria bil-lingwa Spanjola*;[53]

ee. *Ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[54] fejn ppreżenta dokumenti li juru l-vetturi li kienu u/jew huma reġistrati fuq isem il-partijet. Jirriżulta li: (i) l-attur, fil-passat ma kellu l-ebda vettura reġistrata fuq ismu,[55] filwaqt li fil-preżent għandu karozza waħda reġistrata fuq ismu tat-tip Honda Fit bin-numru ta' reġistrazzjoni ACT-908 reġistrata fuq ismu

[46] Fol. 550 – 551.
[47] Fol. 552 – 554.
[48] Fol. 555 – 564.
[49] Fol. 565.
[50] Fol. 566 – 569.
[51] Fol. 570 – 571.
[52] Fol. 572 – 582.
[53] Fol. 583 – 618.
[54] Fol. 53.
[55] Fol. 58.

sa mid-19 ta' Frar 2021,[56] u (ii) il-konvenuta qatt ma kellha u qas għandha vetturi reġistrati fuq isimha;[57]

ff. *Ix-xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[58] fejn tikkonferma li fir-rigward tal-attur sabet: (i) kont bankarju bħala savings account li nfetaħ fi Frar 2020 u li għadu attiv,[59] (ii) kont bankarju bħala current account li nfetaħ f'Awwissu 2005 u ngħalaq f'April 2010,[60] (iii) kont bankarju tat-tip savings account li nfetaħ fis-6 ta' Mejju 2000 u ngħalaq fit-28 ta' April 2007,[61] (iv) kont bankarju tat-tip savings account li nfetaħ f'Mejju 2000 u ngħalaq f'Jannar 2005,[62] (v) kont ta' credit card li nfetaħ f'Mejju 2007 u ngħalaq f'Jannar 2008,[63] u (vi) kont ta' credit card li nfetaħ f'Diċembru 2007 u ngħalqet f'Mejju 2018.[64] Min-naħa l-oħra, f'isem il-konvenuta sabet: (i) kont bankarju bħala current account li nfetaħ f'Awwissu 2008 u ngħalaq f'Marzu 2010.[65] Filwaqt li b'mod konġunt sabet: (i) kont bankarju savings account infetaħ f'Ottubru 2007 u ngħalaq f'Lulju 2013,[66] (ii) kont bankarju current account li nfetaħ f'Awwissu 2007 u ngħalaq f'Lulju 2018,[67] (iii) kont bankarju bħala loan account li nfetaħ f'Jannar 2007 u ngħalaq f'Marzu 2010,[68] (iv) kont bankarju bħala loan account li nfetaħ f'Lulju 2008 u ngħalaq fi Frar 2010.[69] Barra minn hekk ikkonfermat ukoll li l-partijiet għandhom kontijiet ma' terzi persuni;

gg. *Ix-xhieda ta' Dr Amanda Borg in rappreżentanza ta' Belvins Franks Wealth Management Limited*,[70] fejn tikkonferma li l-attur għandu account msejjaħ bħala SIPP (*Self Invested Pension Plan*) bin-numru 6238, li hu tip ta' account li fih ikollok numru ta' investimenti li ġie miftuħ nhar l-1 ta' Ġunju 2015 iżda l-fondi daħlu fih fl-1 ta' Lulju 2015, li kellu żewġ currencies (Ewro u l-Isterlina). Ix-xhud ippreżentat l-applikazzjoni li saret onlajn,[71] kif ukoll

[56] Fol. 56.
[57] Fol. 59 – 60.
[58] Fol. 53.
[59] Fol. 63 – 84.
[60] Fol. 85 – 94.
[61] Fol. 95 – 96.
[62] Fol. 97 – 99.
[63] Fol. 100 – 101.
[64] Fol. 102 – 180.
[65] Fol. 181 - 187.
[66] Fol. 188 – 236.
[67] Fol. 237 – 377.
[68] Fol. 378 – 384.
[69] Fol. 385 – 387.
[70] Fol. 54.
[71] Fol. 388

transaction history tal-munita Ewro[72] u tal-Isterlina.[73] Tispjega li f'dan l-account hemm żewġ prodotti, wieħed li hemm account ma' Prudential International li l-valutazzjoni tiegħu kurrenti sa Frar 2022 huwa ta' €93,137.38,[74] u ieħor Lombard Portfolio fejn il-valutazzjoni tiegħu kurrenti sa Frar 2022 huwa ta' €12,408.78.[75] Ix-xhud tispjega ukoll li kull meta jissetjaw wieħed minn dawn, jinnominaw *beneficiaries on debt*, li f'dan il-każ il-benefiċċjarju tal-attur huwa F B.[76] Min-naħa l-oħra, il-konvenuta għanda account f'isimha, fejn ġie miftuħ nhar l-1 ta' Ġunju 2015 iżda l-fondi daħlu fih il-25 ta Ġunju 2015, u l-applikazzjoni ġiet preżentata.[77] Ippreżentat ukoll żewġ transaction histories tal-munita Ewro[78] u tal-Isterlina,[79] fejn tali account għandu prodott wieħed biss ta' Lombard Portfolio fejn il-valutazzjoni kurrenti tiegħu sa Frar 2022 huwa ta' €32,983.37,[80] u l-benefiċċjarju tagħha huwa l-attur;[81]

hh. *Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[82] fejn eżebixxa dokument dwar: (i) l-*employment history* tal-attur,[83] fejn bejn it-8 ta' Marzu 1982 u l-31 ta' Diċembru 1982 kien jaħdem ma' Bezzina Maritime Services Ltd, bejn is-17 ta' April 2009 u s-6 ta' Jannar 2010 kien jaġdem ma' Leisure Marketing Ltd, u mill-24 ta' Mejju 2021 sal-preżent jidher li jinsab ingaġġjat mal-kumpanija Barrakka Company Limited fuq bażi full-time bħala lift attendant, u (ii) l-*employment history* tal-konvenuta,[84] fejn jidher li bejn it-23 ta' Marzu 2009 u l-1 ta' Marzu 2010 kienet taħdem ma' Leisure Marketing Ltd, filwaqt li fil-preżent ma tidhirx li tinsab taħdem hawn Malta.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti anke jekk ma tħossx li tista' tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar liema reġim hemm applikabbli bejn il-partijiet, titterminah, tillikwidah u tiddividih, il-Qorti rat il-kronoloġija ta' kif ġraw il-fatti fir-rigward tal-assi, proprjetajiet u dħul imsemmija mill-attur:

---

[72] Fol. 403.
[73] Fol. 408.
[74] Fol. 411.
[75] Fol. 412.
[76] Fol. 426.
[77] Fol. 429.
[78] Fol. 444.
[79] Fol. 446
[80] Fol. 448.
[81] Fol. 461.
[82] Fol. 53.
[83] Fol. 61.
[84] Fol. 62.

**Kronoloġija ta' Transazzjonijiet ta' Assi u Proprjetajiet u Dħul mill-Attur qabel iż-Żwieġ li seħħ nhar l-20 ta' Lulju 2002 u dan kif elenkat minnu stess, u l-Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-istess:**

| | |
|---|---|
| Negozju bl-isem ta' Universal Arches Ltd li beda fl-1994; | Fil-fehma tal-Qorti mill-estratt tal-gazzetta Ingliża datata 10 ta' Awwissu 2000 jidher ċar li n-negozju kien jappartjeni biss lill-attur; |
| | |
| Flus li kien iġemma l-attur, stante li fl-affidavit tiegħu jgħid li kien jirnexxielu jfaddal GBP 5,000 (madwar €5,651.22) fix-xahar, inkluż is-somma ta' GBP 20,000 (madwar €22,604.90) li l-attur jgħid li kellu mwarba; | Mill-atti ma jirriżultax prova ta' dan, għalhekk il-Qorti ma tistgħax tieħu in konsiderazzjoni tal-istess, ċjoe' kemm kellu flus parafernali l-attur sa qabel ma' żżewweġ; |
| | |
| Proprjeta' bl-indirizz *'X, X, Blackbrooke'* (inkluż l-investiment li allegatament sar fiha mill-attur stess) li allegatament kienet tappartjeni lilu biss in vista li skontu ġiet assenjata lilu wara li divorzja minn ma' l-ewwel mara tiegħu O B fis-26 ta' Awwissu 1997 | Mill-atti hemm biss kopja tad-divorzju bejn l-attur u l-ex mara tiegħu O B, liema divorzju ma jagħmel l-ebda referenza lejn ir-reġim li kien viġenti bejniethom, l-assi tagħhom, id-diviżjoni tal-imsemmija assi u l-assenjazzjoni tal-istess. Għalhekk il-Qorti ma għandha l-ebda prova dwar il-fatt jekk tali proprjeta' kienetx tappartjeni lill-attur biss.<br><br>Il-Qorti rat id-dokument ippreżentat mill-attur dwar tali proprjeta', iżda tali dokument ma huwiex suffiċjenti.<br><br>Barra minn hekk il-Qorti rat ukoll is-sottomissjoni tal-attur illi huwa ma għandux f'idejh kopji tal-kuntratti stante li dawn jinsabu Spanja u ma għandux aċċess għalihom stante l-allegata sitwazzjoni li jkun rinfaċċjat biha kieku jmur lura Gran Canaria. Madanakollu u għalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-attur, hija tara illi s-sitwazzjoni ġewwa Spanja hija biss |

| | |
|---|---|
| | allegazzjoni u ma ġietx ippruvata, u fi kwalunkwe każ hija ma tarax li għandha taċċetta tali dokument flok dak uffiċċjali; |
| | |
| Vettura tat-tip Nisan 200 SX għalih u vettura oħra għall-konvenuta tat-tip Suzuki | Mill-atti ma jirriżultaw l-ebda provi dwar dawn iż-żewġ vetturi; |
| | |
| Il-ħlas għal proċeduri tad-divorzju ta' C B, inkluż lill-*accountant* tiegħu sabiex jgħinha rigward kwistjonijiet ta' taxxa, liema kont ta' taxxa ġie ukoll mħallas mill-attur, flimkien mal-*accountancy fees* | Mill-atti ma jirriżultaw l-ebda provi dwar dan l-allegat ħlas; |
| | |
| Proprjeta' bl-indirizz *'X, Triq X, Mellieħa, Malta'* mixtrija nhar l-4 ta' Ottubru 2000 versu l-prezz ta' LM45,000 (madwar €104,850), u dan billi kellu jieħu xi *loans* u tħalsu kollha; | Il-Qorti rat kopja tan-nota ta' insinwa u għalhekk ma għandha l-ebda dubju li tali proprjeta' hija parafernali tal-attur; |
| | |
| Il-proprjeta' bl-indirizz *'X, X, Blackbrooke'* ġiet mibjugħa lil Christina H nhar it-23 ta' Novembru 2001 versu s-somma ta' GBP 70,000 (madwar €79,117.15); | Mill-atti jirriżulta biss dokument mhux uffiċċjali b'elenku ta' dati u prezzijiet dwar l-imsemmi fond.<br><br>Għalhekk fin-nuqqas ta' kuntratt uffiċċjali, il-Qorti ma għandha l-ebda prova dwar tali bejgħ.<br><br>Barra minn hekk il-Qorti rat ukoll is-sottomissjoni tal-attur illi huwa ma għandux f'idejh kopji tal-kuntratti stante li dawn jinsabu Spanja u ma għandux aċċess għalihom stante l-allegata sitwazzjoni li jkun rinfaċċjat biha kieku jmur lura Gran Canaria. Madanakollu u għalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-attur, hija tara illi s-sitwazzjoni ġewwa Spanja hija biss allegazzjoni u ma ġietx ippruvata, u fi kwalunkwe każ hija ma tarax li |

| | |
|---|---|
| | għandha taċċetta tali dokument flok dak uffiċċjali; |
| | |
| Proprjeta' bl-indirizz *'X, X, X, United Kingdom'* mixtrija nhar it-23 ta' Novembru 2001 versu l-prezz ta' GBP 135,000 (madwar €152,583.07), li skont l-attur ġiet imħallsa parzjalment bir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjeta' ta' Blackbrooke u l-bqija permezz ta' *loan* minngħand il-bank Ingliż Natwest; | Mill-atti jirriżulta biss dokument mhux uffiċċjali b'elenku ta' dati u prezzijiet dwar l-imsemmi fond.<br><br>Għalhekk fin-nuqqas ta' kuntratt uffiċċjali, il-Qorti ma għandha l-ebda prova dwar tali xiri mill-attur.<br><br>Barra minn hekk il-Qorti rat ukoll is-sottomissjoni tal-attur illi huwa ma għandux f'idejh kopji tal-kuntratti stante li dawn jinsabu Spanja u ma għandux aċċess għalihom stante l-allegata sitwazzjoni li jkun rinfaċċjat biha kieku jmur lura Gran Canaria. Madanakollu u għalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-attur, hija tara illi s-sitwazzjoni ġewwa Spanja hija biss allegazzjoni u ma ġietx ippruvata, u fi kwalunkwe każ hija ma tarax li għandha taċċetta tali dokument flok dak uffiċċjali; |
| | |
| Vettura tat-tip SLK Convertible għall-konvenuta għas-somma ta' GBP 38,000 (madwar €42,949.31), u vettura tat-tip Mercedes CLK għal prezz ta' GBP 38,000 (madwar €42,949.31) , li ġew iffinanzjati permezz ta' *loan* minngħand Natwest fejn estendew il-*loan* li l-attur kellu fuq il-proprjeta' ta' St Helens sabiex jixtri dawn il-vetturi b'dana illi l-*loan* globali ma' Natwest kien dak ta' GBP 240,000 (madwar €271,258.80); | Mill-atti ma jirriżultaw l-eba provi dwar dawn iż-żewġ vetturi u *loans*; |
| | |
| Fabbrika f'*Peasley Cross Lane* għas-somma ta' GBP 195,000 (madwar €220,397.77) li ġiet mixtrija fl-2001, u investiment ta' GBP 80,000 (madwar | F'dan ir-rigward mill-atti jirriżulta prova ta' *loan* mehud mit-*trustees* tas-*Self Investment Pension* mal-bank Natwest fis-somma ta' GBP 126,000 |

| | |
|---|---|
| €90,419.60) sabiex jirrangaha li ħafna minnhom għamilhom hu stess sabiex jiffranka xi ħaġa tal-flus. Din il-fabbrika ġiet mixtrija billi ġiet imwaqfa s-*Self Invetsment Pension* nhar it-30 ta' Novembru 2001 fejn l-attur kellu 60% *ownership,* filwaqt li l-konvenuta kellha 20% u G H kelu 20% oħra, fejn it-*trustees* ħadu *loan* ma' Natwest sabiex tali fabbrika setgħat tinxtara; | (madwar €142,410.87), bi ħlas mensili ta' GBP 1,142.77 (madwar €1,291.61) għal ħmistax-il (15) sena.<br><br>Madanakollu ma hemm l-ebda prova tal-kuntratt ta' xiri fis-somma indikata mill-attur u lanqas tal-flus minfuqa minnu sabiex għamel ir-*refurbishment.*<br><br>Għaldaqstant għalkemm il-Qorti tara li hemm prova li din il-fabbrika filfatt ġiet mixtrija, il-valur tagħha kif mixtri ma tistgħax tqisu iktar minn GBP 126,000; |
| | |
| Flus għaċ-ċerimonja tat-tieġ ġewwa Malta fis-somma ta' LM15,000 (madwar €34,950) | Mill-atti ma jirriżultaw l-ebda provi dwar dan l-allegat ħlas; |
| | |
| Is-somma ta' LM 13,000 (madwar €30,290) mill-wirt ta' nannuh li ntużaw għall-proġett tal-Mellieħa; | Mill-atti hemm dikjarazzjoni da parti l-attur li rċieva tali somma, liema dikjarazzjoni ma hijiex datata iżda jidher li din saret bejn l-2010 u l-2011 stante illi l-indirizz tal-attur huwa dak tal-ewwel villa li kien qed jikri bl-indirizz *'14, Las Tabaibas, Salobre Golf, Gran Canaria'*; |
| | |
| Wirt fis-somma ta' €65,495. | Mill-atti hemm dokumenti li jstabilixxu dan, b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju dwar dan il-wirt. |

**Kronoloġija ta' Transazzjonijiet ta' Assi u Proprjetajiet u Dħul mill-Partijiet taħt kwalsiasi reġim li kien jadopra bejniethom maż-Żwieġ li seħħ nhar l-20 ta' Lulju 2002 u dan kif elenkat mill-Attur stess, u l-Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-istess:**

| | |
|---|---|
| Id-dħul kollu jien imur f'kont konġunt mal-bank Natwest; | Mill-atti ma hemm l-ebda prova ta' dan; |
| | |

| | |
|---|---|
| In-negozju Universal Arches Ltd inbiegħ nhar l-24 ta' Frar 2006 għal prezz ta' GBP 750,000 (madwar €847,683.75), fejn skont l-attur il-profitt kien dak ta' GBP 180,000 (madwar €203,444.10) għaliex nefaq ħafna flus fuq avukati stante li l-bejgħ ma kienx wieħed sempliċi u ħallas ukoll il-*loan* ta' GBP 240,000 (madwar €271,258.80) ma' Natwest fuq il-proprjeta' ta' St Helens u ż-żewġ vetturi; | Il-Qorti tara li f'dan ir-rigward l-attur ippreżenta dokumenti li juru li huwa rriżenja bħala direttur ta' Universal Arches Ltd, filwaqt li minnfloku ġie appuntat L P K nhar l-24 ta' Frar 2006. Madanakollu ma ġie ppreżentat l-ebda kuntratt dwar il-bejgħ tan-negozju *per se* u s-somma li għaliha ġie mibjugħ; |
| | |
| Il-kirja tal-fabbrika f'*Peasley Cross Lane* mill-24 ta' Frar 2006 sas-26 ta' Settembru 2014, li kienet qiegħda tiġi depożitata għand AJ Bell (li magħhom ġie mibni s-*Self Investment Pension*) u huma ħalsu l-*loan*, VAT, u l-bilanċ kien jinqasam bejn l-attur, il-konvenuta u G H skont sehemhom. Il-porzjon tal-partijiet ġie trasferit lil London & Colonial minngħand AJ Bell, fejn 80% jappartjenu lill-attur u 20% lill-konvenuta; | Mill-atti ma jirriżultaw l-ebda provi dwar din il-kirja; |
| | |
| Il-proprjeta' bl-indirizz *'X, X, United Kingdom'* ġiet mibjugħa nhar it-3 ta' Ottubru 2007 għal prezz ta' GBP 317,500 (madwar €358,852.79); | Mill-atti jirriżulta biss dokument mhux uffiċċjali b'elenku ta' dati u prezzijiet dwar l-imsemmi fond.<br><br>Għalhekk fin-nuqqas ta' kuntratt uffiċċjali, il-Qorti ma għandha l-ebda prova dwar tali bejgħ mill-attur.<br><br>Barra minn hekk il-Qorti rat ukoll is-sottomissjoni tal-attur illi huwa ma għandux f'idejh kopji tal-kuntratti stante li dawn jinsabu Spanja u ma għandux aċċess għalihom stante l-allegata sitwazzjoni li jkun rinfaċċjat biha kieku jmur lura Gran Canaria. Madanakollu u għalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-attur, hija tara illi s- |

| | |
|---|---|
| | sitwazzjoni ġewwa Spanja hija biss allegazzjoni u ma ġietx ippruvata, u fi kwalunkwe każ hija ma tarax li għandha taċċetta tali dokument flok dak uffiċċjali; |
| | |
| Il-fabbrika f'*Peasley Cross Lane* ġiet mibjugħa nhar is-26 ta' Settembru 2014 għas-somma ta' GBP 712,500 (madwar €805,299.56), li nqasam bejn l-attur, il-konvenuta u G H skont sehemhom; | Mill-atti jirriżulta kopja ta' konvenju, fejn jingħad illi l-bejgħ ser isir nhar is-26 ta' Settembru 2014, għal prezz globali ta' GBP 712,500 (madwar €805,299.56). Madanakollu l-Qorti ma għandha l-ebda prova tal-kuntratt finali tal-bejgħ. Għalhekk fin-nuqqas tal-kuntratt finali u uffiċċjali, il-Qorti ma għandha l-ebda prova dwar tali bejgħ mill-attur.<br><br>Barra minn hekk il-Qorti rat ukoll is-sottomissjoni tal-attur illi huwa ma għandux f'idejh kopji tal-kuntratti stante li dawn jinsabu Spanja u ma għandux aċċess għalihom stante l-allegata sitwazzjoni li jkun rinfaċċjat biha kieku jmur lura Gran Canaria. Madanakollu u għalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-attur, hija tara illi s-sitwazzjoni ġewwa Spanja hija biss allegazzjoni u ma ġietx ippruvata, u fi kwalunkwe każ hija ma tarax li għandha taċċetta tali dokument flok dak uffiċċjali; |
| | |
| Ittieħdu żewġ *loans* minngħand HSBC Bank Malta plc bejn il-partijiet sabiex isir proġett ta' demolazzjoni u bini ta' numru ta' appartamenti fuq il-proprjeta' parafernali tal-attur ġewwa l-Mellieħa fis-somma ta' LM95,000 (madwar €221,350); | Dawn iż-żewġ loans jirriżultaw mill-atti li ttiehdu *in solidum* bejn il-partijet; |
| | |
| Il-proprjetajet kollha mibnija fuq l-art parafernali tal-attur ġew mibjugħa, u r-rikavat globali kien dak ta' €735,085, | Il-bejgħ ta' dawn il-pstijiet saru mill-partijiet permezz ta' erba' (4) kuntratti datati 28 ta' Jannar 2010, 5 ta' Marzu |

| | |
|---|---|
| li permezz tagħhom ħallas il-bqija ta' *loans* u bdew il-ħajja tagħhom fl-2010 ġewwa l-Gran Canaria fejn kienu qed jikru villa bl-indirizz *'X, Las X, Salobre Golf, Gran Canaria'* fis-somma ta' €1,300 kull xahar (skont il-kalkoli damu madwar sena jikru tali villa għas-somma globali ta' €15,600), sussegwentament bdew jikru proprjeta' oħra bl-indirizz *'Senior Pio, No. 12, 35140, X, X, Gran Canaria'* fis-somma ta' €800 għal erba' (4) snin (€38,400), u ħallsu s-somma globali ta' €72,500 għax-xiri ta' proprjeta' ġewwa l-Gran Canaria fl-2015; | 2010, 18 ta' Ottubru 2010, 20 ta' Novembru 2013, li jinsabu kollha fl-atti. Madanakollu ma tresqet l-ebda prova tal-ħlas ta' kirjiet ta' proprjetajiet ġewwa l-Gran Canaria, u tad-depożitu fuq id-dar ġewwa l-Gran Canaria; |
| | |
| Proprjeta' bl-indirizz *'Senior Pio, No. 12, 35140, X, X, Gran Canaria, Spanja'* versu l-prezz ta' €350,000, fejn is-somma ta' €72,500 tħalsu bħala depożitu u s-somma ta' €245,000 tħalset mill-attur minn sehemu mis-*Self Investment Pension*, apparti l-investiment ta' €100,000 għal *refurbishment*; | Il-Qorti tara li għalkemm ġie eżebit kuntratt ta' xiri tal-proprjeta, dan ġie ppreżentat il-lingwa Spanjola, lingwa li hija estranja għall-Qrati Maltin.<br><br>Barra minn hekk u għalkemm ġie eżebit ukoll dokument li juru d-diversi transazzjonijiet mill-*polza* tal-attur bin-numru 6238 ma' London & Colonial SIPP, allegatament għal ħlas tax-xiri ta' din il-proprjeta', dawn minnhom infushom ma jistabbilixxux fejn marru tali flus, u ċjoe' jekk hux għax-xiri u investiment fid-dar tal-Gran Canaria *o meno*. Magħdud ma' dan, l-attur ppreżenta ukoll kopja ta' ċekk ta' €213,324 liema ċekk ukoll ma jistabbilixxix ta' min hu tali ċekk u lil min hu indirizzat u għal xiex; |
| | |
| Kirja ta' parti mid-dar ta' Gran Canarias bl-isem ta' *'X'* sa minn Frar 2016 għal prezz ta' €80 kull ġurnata, fejn il-kirja kienet tidħol fuq kont bankarju speċifiku ma' Caxia Bank f'isem il-konvenuta, u sabiex | Mill-atti jirriżulta illi *'Valleysol'* ilha tinkera sa minn April 2017; |

| | |
|---|---|
| ilegallizza l-kirja l-attur jgid li ħallas is-somma ta' €15,000; | |
| | |
| Is-somom ta' flus li ħalla lill-konvenuta qabel ma ġie Malta fl-ammont ta' €45,000 sabiex jitħalsu diversi pendenzi. | Mill-atti ma hemm l-ebda prova ta' dawn il-pagamenti. |
| | |
| Vettura tat-tip Honda FIT bin-numru ta' reġistrazzjoni ACT-908 reġistrata fuq isem l-attur; | Din ġiet ppruvaata fl-atti; |
| | |
| Kont bankarju mal-HSBC f'isem l-attur; | Dan ġie ppruvat fl-atti; |
| | |
| SIPP tal-attur fis-somma ta' €93,137.38 u €12408.78, kif ukoll SIPP tal-konvenuta fis-somma ta' €32,983.37. | Dawn ġew ippruvati fl-atti. |

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara illi ma hemm l-ebda ombra ta' dubju li abbażi tal-provi mresqa quddiemha u limitatament għal dawk il-provi, dak li l-Qorti tista' tikklassifika b'mod konkret bħala parafernali tal-attur is-segwenti:

(i) In-negozju ta' Universal Arches Limited, u f'każ li dan verament inbiegħ għalhekk ir-rikavat tal-istess jappartjeni interament lill-attur;

(ii) Il-proprjeta' bl-indirizz *'X, Triq is-X, Mellieħa, Malta'*, li konsegwentament ġiet demolita u mibnija fiż-żwieġ miż-żewġ partijiet b'mod indaqs permezz ta' żewġ *loans* mehuda mal-HSBC Bank Malta plc. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti u ġialadarba ġie ppruvat illi l-binja intera ġiet mibjugħa għal prezz ta' €735,085, dak li ma jistgħax jiġi kklassifikat bħala parafernali tal-attur huwa l-binja *per se,* iżda l-valur tal-art u l-arja intera huma parafernali tal-attur;

(iii) 60% sehem indiviż tal-fabbrika f'*Peasley Cross Lane*, u f'każ li din ġiet verament mibjugħa dak li jappartjeni lill-attur huwa 60% ta' tali somma;

(iv) Is-somma ta' €30,290 (LM13,000) li ġie b'donazzjoni mill-wirt ta' nannuh;

(v) Is-somma ta' €65,495 f'wirt.

Min-naħa l-oħra u abbażi tal-provi li għandha quddiemha din il-Qorti, fir-rigward ta' dak li *se mai* jappartjeni lill-partijiet bejniethom taħt kwalsiasi reġim li jadopera bejniethom, jidher li primarjament fil-preżent hemm:

(i) Vetturi reġistrati ġewwa Malta;

(ii) Kont bankarji ġewwa Malta u Spanja;

(iii) Proprjeta' bl-indirizz ta' *'Senior Pio, No. 12, 35140, X, X, Gran Canaria'* li hija meqjusa bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

(iv) Kirja ta' *'Xl'*; u,

(v) Self Investment Pensions f'isem l-attur u f'isem il-konvenuta.

Madanakollu l-Qorti ma tarax kif tista' tiddividi u tassenja l-istess, meta: (i) kif ingħad iktar 'il fuq ma għandhiex ċertezza dwar ir-reġim matrimonjali applikabbli fil-każ odjern, tenut kont li l-partijiet għamlu l-maġġor parti taż-żmien tagħhom miżżewġin ġewwa Spanja, (ii) fir-rigward tad-dar matrimonjali li tinsab ġewwa Spanja, il-Qorti tgħallem illi *"ma tarax kif tista' tapplika l-ligi ta' Malta fir-rigward ta' proprjeta` li tinsab barra minn Malta, fis-sens li huwa maghruf illi fir-rigward tal-immobbli tapplika normalment il-lex situs (ara per ezempju s-sentenzi Soprunovskaja v. Bartolo noe, 18 ta' Ottubru 2012 u Xerri v. Sladden noe 5 ta' Ottubru 2011, Lanzon v. Cassar Galea nomine 19 ta' Gunju 1951 – kollha tal-Prim'Awla u aktar dettaljatament Margaret Attard v. Dr Ian Spiteri Bailey nomine, 29 ta' April 2004 Qorti tal-Appell)"*,[85](iii) fir-rigward ta' poloz li hemm fuq isem il-partijiet, din il-Qorti temmen li għandha tkun ukoll il-*lex situs* li tiddetermina l-istess.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[85] **Anna Faniello sive Faniello Zammit vs Av Dr Renzo Porsella Flores et**, deċiża nhar is-27 ta' Frar 2015 mill-Qorti tal-Appell (Rikors Numru 1011/2002/2). Dan il-prinċipju kien ikkonfermat riċentament fis-sentenza l-ismijiet **Carol Montebello vs Dr Helga Buggigieg Debono et noe**, deċiża nhar l-24 ta' Ġunju 2021 (Rikors Numru 246/2017 AL), mhux appellata.

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba inkompatibbilta' fil-karattru ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi issib lill-partijiet ugwalment ħatja;

2. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba rigward l-assi u krediti parafernali tal-attur fil-konfront tal-konvenuta u kwalsiasi kommunjoni viġenti bejn il-partijet, liema assi u krediti parafernali tal-attur iridu jittieħdu in konsiderazzjoni fl-iskema tad-diviżjoni tal-assi u djun tal-partijiet li jiffurmaw parti mir-reġim matrimonjali li għandhom viġenti meta dan jiġi xolt skont il-liġi li tirregolah;

3. Tiċħad ir-raba' talba dwar il-likwidazzjoni tal-proprjeta' akkwistata konġuntivament, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-pussess eżistenti, id-diviżjoni f'żewġ porzjonijiet u l-assenjazzjoni tal-istess;

4. Tiċħad il-ħames talba dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, u kif ukoll kull komunjoni oħra li tirregola l-patrimonju tagħhom;

5. Tiċħad is-sitt talba dwar l-akkumulazzjoni tal-ġid u d-dejn tal-partijiet, id-diviżjoni u l-assenjazzjoni tal-istess fi tnejn;

6. Tiċħad is-seba' talba dwar ir-reġistrazzjoni tas-sentenza mill-attur fir-Reġistru Pubbliku;

7. Filwaqt li l-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 1170/2002, hija konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.